# RUMANZ KULT ANARKIKU U RUMANZ THRILLER



minn **OMAR SEGUNA**
pagnaletterarja@gmail.com







**Il-Manifest tal-Killer ta' Karl Schembri; Pubblikazzjoni Merlin**

Il-Manifest tal-Killer pubblikazzjoni Merlin ħareġ is-sena li għaddiet, imma ovvjament kien wieħed mill-kotba li wkoll stajna naraw matul il-Festival tal-Ktieb ta' din is-sena.

Ktieb li oriġinarjament ħareġ fl-2006 pero' baqa' jiġi stampat. U issa grazzi għal Merlin Publishers dan il-ktieb reġa' huwa f'idejna. Il-fatt li dan il-ktieb baqa' jiġi stampat, u issa b'bixra ftit ġdida, jindika mal-ewwel kemm dan il-ktieb baqa' popolari mal-qarrej Malti. Natribwixxi dan is-suċċess għal żewġ raġunijiet prinċipali:

Il-ktieb jitratta temi f'Malta li l-poplu seta' jirrelata magħhom. Fil-fehma tiegħi l-poplu Malti jogħxa b'dawn it-temi politiċi u Schembri kiteb fuq dak li ħassu bosta, imma kellu l-kuraġġ li dan iwasslu u jdaħħal dawn it-temi tajjeb fir-rumanz tiegħu.

Dan ir-rumanz kien wieħed kontroversjali, tant li r-Radju tal-Università' kien iċċensura lil dan il-ktieb. Il-poeta u kritiku u drammatur Mario Azzopardi kien iddeskriva dan it-test bħala "dokument esplussiv", "letteratura speċifikament anarkika" u "l-ewwel rumanz strettament anarkiku". Lil Mario nafu sew għax fost oħrajn kien kitibli d-daħla tal-ktieb tiegħi "24, Triq Ħad-Dwieli", esperiment bil-poeżija viżiva u interattiva. Dak iż-żmien Azzopardi kien qalli li hemm ħafna elementi konservattivi fil-ħsibijiet tiegħi. Qed ngħid dan biex wieħed jifhem kemm Mario Azzopardi, li huwa wkoll magħruf għal kontroversja mhux xi awtur li kien ser jeseġera jew ser jixxokkja ruħu malajr.

L-istorja prinċipali hija dwar anarkisti żgħażagħ li jsifidaw lil-istatus quo. Il-Killer kellu programm fuq ir-radju taċ-ċittadin li kien jippromwovi ruħu bħala l-vuċi taċ-ċittadin, li fih kien iwassal dawk il-messaġġi lill-komunita'. Iżda mbagħad bħal xrara li qabdet ħuġġieġa sħiħa meta xi attivisti favur id-drittijiet tal-annimali ħarbu tigra miċ-ċirklu. Aktar tard fl-istorja jidħol ukoll Mario, il-watchman tal-Junior College li wkoll spiċċa fid-depot.

B'qoxra differenti mill-ewwel ktieb, fuq din il-verżjoni naraw il-ponn li hu assoċjat mal-moviment xellugi. Il-kuntest Malti meta nkiteb kien totalment differenti. Iżda għalkemm għadu miktub 14-il sena ilu b'referenza ċara għal żminijiet u forsi wieħed jista' jistħajjel anke persuni li eżistew dak iż-żmien, għadu relevanti sal-lum

Nittraduċi fuq fuq u bil-mod wiesgħa l-qawl Ingliż mhux qed niġġudika l-ktieb mill-qoxra, imma l-qoxra tgħid ħafna wkoll! Fl-interpretazzjoni tiegħi, dan il-ktieb issa donnu qed isib relevanza ġdida fis-sitwazzjoni lokali li qed ngħixu bħalissa. Fil-qoxra tal-ktieb li għandna preżenti nsibu l-ponn li użat mill-moviment xellugi. Ta' min wieħed jgħid li waqt li dak iż-żmien kellek gvern relattivament konservattiv imma li beda jiftaħ is-swieq, daħħal il-pluraliżmu imma xorta waħda kien għad baqa' ħafna għatx għall-bidla speċjalment fejn jidħlu drittijiet ċivili. Mill-banda l-oħra din il-pubblikazzjoni l-ġdida ħarġet fi żmien fejn minkejja bosta progress f'dak li għandu x'jaqsam ma' drittijiet ċivili u anke numru ta' miżuri soċjali, ma naqsitx (jekk mhux ukoll ma żdidtx) is-sistema fejn min għandu l-flus jitħalla jiddetermina l-ħajjiet tan-nies. Dan kien evidenti bi tkabbir eseġerat tal-industrija tal-Kostruzzjoni minbarra numru ta' każijiet ta' korruzzjoni.

Fil-ktieb insibu li minkejja r-retorika ta' vuċi ħielsa, demokrazija, u bosta valuri progressivi l-iskejjel tal-knisja xorta jibbukkjaw biex jaraw l-annimali fiċ-ċirklu, u l-ministru xorta jagħti biljetti b'xejn biex jimtlew is-siġġijiet. Illum sar bosta progress fejn jidħlu drittijiet tal-annimali u dawn iċ-ċirkli tal-annimali llum m'għadhomx permessi f'pajjiżna. Iżda ċertament fuq livell tagħna ċ-ċittadini baqa' ħafna